*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,553, 18 ta' Marzu, 2004*
*Taqsima B*

**A.L. 134 ta' l-2004**

## ORDINANZA DWAR ID-DRITTIJIET (KAP. 35)

### Regolamenti ta' l-2004 dwar Drittijiet għal Servizzi mill-Ispettorat tas-Saħħa

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar id-Drittijiet, il-Ministru tas-Saħħa, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi u l-Affarijiet Ekonomiċi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:–

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2004 dwar id-Drittijiet għal Servizzi mill-Ispettorat tas-Saħħa. Titolu.

**2.** F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma' tkunx teħtieġ xort'oħra – Tifsir.

"ikel" għandha l-istess tifsira bħal ma għandha fl-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Kap. 449.

"Suprintendent" tfisser is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika.

**3.** (1) Id-drittijiet msemmija fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti għandhom jinġabru mis-Suprintendent għas-servizzi msemmija fl-istess skeda. Drittijiet dovuti.

(2) Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subregolament (1) ta' dan ir-regolament, is-Suprintendent jista' f'kull żmien jirrifjuta li joffri xi servizz msemmi f'dik l-Iskeda.

(3) Id-drittijiet imsemmija fl-Iskeda huma mingħajr preġudizzju għal kull dritt ieħor li jista' jkun dovut għal servizzi oħra mogħtija mill-Ispettorat tas-Saħħa.

## SKEDA

(Regolament 3)

| Servizz | Dritt |
|---|---|
| 1. Superviżjoni, kemm mitluba kemm mhix, waqt il-qerda ta' oġġetti ta' l-ikel. | Lm10 għall-ewwel 10 kg u Lm5 għal kull 10 kg addizzjonali jew parti minnhom, sa l-ogħla ammont ta' Lm200. |
| 2. Teħid ta' kampjuni u analiżi ta' ilma tal-bir, minbarra dawk il-kampjuni li s-Suprintentent iqis bħala li huma bżonnjużi li jittieħdu bil-għan ta' xi investigazzjoni. | Lm15 kull kampjun. |
| 3. Ħruġ ta' Ċertifikat tas-Saħħa għall-Esportazzjoni mill-uffiċċju msemmi mis-Suprintendent bħala li għandu joħroġ dak iċ-ċertifikat. | Lm25 kull ċertifikat. |
| 4. Żjarat f'postijiet ta' l-ikel jew postijiet ta' l-ikel proposti għal skop ta' konsultazzjoni dwar il-liġijiet fuq l-iġjene ta' l-ikel f'postijiet ta' l-ikel, barra minn dawk il-konsultazzjonijiet skond il-paragrafu 5 ta' din l-Iskeda u parir mogħti konformement ma' spezzjoni magħmula skond l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel.<br><br>Iżda, rapport bil-miktub rigward il-konsultazzjoni irid jingħata meta hekk mitlub. | Lm10 kull żjara f'dawk il-postijiet ta' l-ikel. |
| 5. Żjarat f'postijiet ta' l-ikel jew postijiet ta' l-ikel proposti għal skop ta' konsultazzjoni fuq il-ħtiġiet tal-liġi dwar l-iġjene ta' l-ikel meta dik il-konsultazzjoni tingħata skond liċenza tal-kummerċ jew applikazzjoni tal-MEPA. | Lm10 kull żjara f'dawk il-postijiet ta' l-ikel wara t-tieni żjara. |
| 6. Ħruġ ta' ċertifikat ta' reġistrazzjoni ta' post ta' l-ikel skond ir-Regolamenti ta' l-2001 dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Postijiet ta' l-Ikel (A.L. 180 ta' l-2001), meta dan iċ-ċertifikat ikun hekk mitlub. | Lm5 kull ċertifikat. |

**L.N. 134 of 2004**

## FEES ORDINANCE
## (CAP. 35)

### Health Inspectorate Services (Fees) Regulations, 2004

IN exercise of the powers conferred by article 2 of the Fees Ordinance, the Minister of Health, with the concurrence of the Minister of Finance and Economic Affairs, has made the following regulations:–

**1.** The title of these regulations is the Health Inspectorate Services (Fees) Regulations, 2004. Citation.

**2.** In these regulations, unless the context otherwise requires – Interpretation.

"Superintendent" means the Superintendent of Public Health;

"food" shall have the same meaning as is assigned to it in the Food Safety Act. Cap. 449.

**3.** (1) The fees specified in the Schedule to these regulations shall be levied by the Superintendent of Public Health for the services listed therein. Fees due.

(2) Notwithstanding the provisions of sub-regulation (1) hereof, the Superintendent may at any time refuse to offer any service listed in the said Schedule.

(3) The fees prescribed in the Schedule hereto are without prejudice to any other fees that may be due for any other services rendered by the Health Inspectorate.

## SCHEDULE

(Regulation 3)

| Service | Fee |
|---|---|
| 1. Supervision, whether requested or not, during the destruction of foodstuffs. | Lm10 for the first 10 kg and Lm5 for each additional 10 kg or part thereof, up to a maximum of Lm200. |
| 2. Sampling and analysis of well water, excluding samples that the Superintendent deems as required to be taken for the purpose of an investigation. | Lm15 per sample. |
| 3. Issuing of an Export Health Certificate by the office designated by the Superintendent to issue such certificate. | Lm25 per certificate. |
| 4. Visits to a food premises or proposed food premises for the purpose of consultation on the legal requirements with respect to food hygiene in the food premises, excluding those consultations in terms of paragraph 5 hereof and any advice given pursuant to an inspection performed in terms of the Food Safety Act.<br><br>Provided that a written report of such consultation is to be given whenever so requested. | Lm10 per visit to such food premises. |
| 5. Visits to a food premises or proposed food premises for the purpose of consultation on the legal requirements with respect to food hygiene whereby such consultation is given in terms of a trading licence or a MEPA application. | Lm10 per visit to such food premises following the second visit. |
| 6. Issuing of a food premises registration certificate in terms of the Food Premises (Registration) Regulations, 2001 (L.N. 180 of 2001), whenever such certificate is so required. | Lm5 per certificate. |

Ippubblikat mid-Dipartiment ta’ l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugh fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*
Prezz 8ċ – *Price 8c*